MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

# IS-SEBA` LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 34

Il-Gimgha 1 ta' Gunju 2018

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fis-6:30 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Jesmond Borg – Vici Sindku
Paul Buttigieg - Kunsillier
Karl Buttigieg – Kunsillier
Sammy Curmi – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarja Eżekuttiv

QALA

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresjeda l-laqgha.

## 34.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.

34.1.1 Ma kien hemm ebda ittri tal-apologiji.

## 34.2 Il-haddiema tal-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation.*

34.2.1 Is-Sindku qal li xi hmistax ilu saret laqgha bejnu, s-Segretarja Ezekuttiv, Il-Manager Kenneth Cutajar u s-*Supervisor* Victor Xerri mill-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation*, fejn gie maqbul li s-Segretarja Ezekuttiv ser tiffirma t-*timesheets* tal-haddiema li huma assenjati mal-Kunsill u tiehu hsieb tiddelega l-haddiema hija. Huwa semma li f'dawn l-ahhar hmistax huwa ma ndahhalx.

34.2.2 Is-Segretarja Ezekuttiva semmiet li fil-laqgha li semma s-Sindku aktar 'l fuq il-*Manager* Kenneth Cutajar semma li s-Segretarja Ezekuttiva hija l-persuna responsabbli mill-haddiema u li hija ghandha tiffirma t-*timesheets* izda wkoll li hija ser tiddelega x-xogholijiet lill-haddiema assenjati mal-Kunsill u mhux is-Sindku, specjalment wara li dak l-incident li nqala mal-haddiem Joseph Buttigieg u li jekk ma jsirx dan ikollhom jittiehdu l-haddiema kollha. Hija semmiet li hija accettat li tiffirma u tiddelega ix-xoghol u li ilha ghal dawn l-ahhar hmistax li kienet qed taghmel dan izda beda jkun hemm indhil fix-xoghol u d-dmirijiet taghha f'dan ir-rigward minghand certu haddiema ta' din l-istess skema. Is-Segretarja semmiet li ndhil fil-qadi tad-dmirijiet taghha huma affarijiet serji u mhux ser taccetta dan. Hija semmiet li ma tridx li jerga jigri xi incident iehor bhal ma diga` gara ma wiehed mill-haddiema imsemmi aktar 'l fuq u peress li hija l-persuna responsabbli jrid ikollha serhan tal-mohh. Hija ghalhekk semmiet li l-Kunsill ghandu zewg *cleaners full-time* li bhalissa qed ikunu fil-*board room* tal-Kunsill u li wahda minnhom ser tkun stazzjonatha l-Qala Folk Museum fejn hemm kamra li tista` toqghod fiha u l-ohra ser tittiehed mill-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation* peress li dawn talbu ghaliha ghax ghandhom bzonnha. Is-Sindku staqsa minn ser inaddaf il-Kunsill u s-Segretarja semmiet li tista` titqabbad persuna sabiex tigi tnaddaf kif dejjem sar ghal hafna snin twal. Is-Sindku ma qabilx ma dan u qal li huwa ma jaccettax li l-*cleaner* tkun stazzjonatha fil-Muzew tal-Folk u li ser jiccekkja sabiex jara jekk inkunux qed niksru l-ligi jekk nibghatuha hemm u li ser jara d-drittijiet taghha. Il-Vici Sindku semma li l-*board room* tal-Kunsill mhuwiex post le sabiex joqghodu fiha l-haddiema u lanqas hadd u li ahjar li l-haddiema jkunu stazzjonati fil-Muzew tal-Folk. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li fl-ahhar mill-ahhar is-Segretarja Ezekuttiv hija ufficcjal pubbliku u li hija responsabbli mill-amministrazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku semma li huwa ser jiccekkja dwar il-Kunsill jistax jibghat il-*cleaner* il-Muzew tal-Folk. Is-Segretarja semmiet li huwa d-dmir taghha li tiddelega x-xoghol u tara x'hemm bzonn li jsir ghall-ahjar tal-Kunsill u li kif qed jaghmel huwa qed jindahal fil-qadi tad-dmirijietha.

## 34.3 Tmiem il-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

34.3.1 Il-laqgha ntemmet fis-7:00 ta' filghaxija.

Ikkonfermati illum, 4 ta' Settembru 2018

| | |
|---|---|
| Paul Buttigieg | Marcia Borg |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |